# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIENI KTIEB TA' L-1927

# IS-SEMIN U L-LSIEN TAGĦHOM (1)

## I. ART IS-SEMIN

Jekk aħna nitfgħu ħarsa l-ura fuq iż-żmenijiet l-imgħoddija u nitilgħu 'l fuq, il fuq lejn il-bidu tan-nisel semi, kif lilna jiġi magħruf mill-fdal li dawn in-nies ħallew warajhom, aħna niltaqgħu għal l-ewwel darba mas-Semin, in-naħa t'isfel tax-xmajjar Ewfrati u Tigri, xi ħameST elef sena ilu. Dawn iż-żewġ xmajjar, iktar u iktar l-ewwel waħda, għandhom sehem kbir fil-ġrajja semija, għalhekk huwa xieraq li nibdew bihom.

Ħadd ma jista' jgħid biż-żejjed kemm huwa meħtieġ l-ilma għall-ħajja tal-bniedem. Huwa għalhekk li aħna nsibu l-ewwel għaqdiet ta' nies fuq xatt-ix-xmajjar jew ma' dwar xi għajn jew fawwara ta' l-ilma ħelu. Fejn ma hemmx ilma, għal xejn tfittex il-ħajja! Art bla ilma qatt ma kienet imgħammra. Ma għandniex għalhekk għax nistagħġbu, jekk l-ewwel nies li għaddew il quddiem fis-snajja' u fil-għerf, u li ħallewlna xi tifkira tagħhom, huma sewwa sew dawk li għaxu fuq xatt ix-xmajjar Ewfrati, Tigri, u warajhom dawk li għaxu fuq xatt in-Nil.

L-Ewfrati (2) hija waħda minn l-akbar xmajjar tad-dinja u l-akbar waħda ta' l-Asja Oċċidentali. Tibda fil-muntanji ta'

(1) Jissokta minn "IL-MALTI" ta' 1926 pp. 121-125. — Paġ. 121. l-aħħar linja, aqra hekk: "Il-Babiloniżi kienu jiktbu 5,000 sena ilu, jew 3,000 sena qabel Kristu etċ..."

(2) L-Ewfrati hija msejħa il-lum; *El-Frât*; fil-Kotba Mqaddsa tissejjaħ *Perath*, l-Assyri kienu jsejħulha *Puratlu*, u l-Persjani *Ufrâtu*; aktarx tfisser "imkattar".

l-Armenja, u waħda miż-żewġ fawwara, li jatuha bidu, hija sewwa sew f'riġlejn l-Ararat. Ma' tul il-miġra tagħha, jinxeħtu fiha ħafna xmajjar oħra u wara mixja ta' madwar 1,670 mil, hija tinxeħet fil-Golf Persiku.

L-Ewfrati kellha u għad għandha ħafna bliet mibnija fuq ix-xatt tagħha. Hija kienet ukoll it-triq li fiha mxew is-Semin mita xterdu barra minn arthom. Aħna nistgħu naqsmu l-ġirja ta' din ix-xmara fi tliet bċejjeċ. L-ewwel waħda mill-bidu sa Samsat (Samosat), li fiha 400 mil. It-tieni minn Samsat sa Hit (Is), ġirja ta' 720 mil. Ħdejn Hit ix-xmara hija wiesgħa 250 jarda, u jgħaddu 2,000 metru kubiku ilma kull sekonda! It-tielet, minn Hit sa kemm ix-xmara tinxeħet il-baħar, hija ta' 550 mil.

Ma hux meħtieġ ingħidu li xmara bħal din, hekk kbira u qawwija, tkarkar magħha ħafna tajn li dejjem ikabbar ix-xatt tal-Golf Persiku. Għalhekk waħda mill-bliet qodma, *Eridu*, li xi elfejn sena qabel Kristu kienet marsa, il-lum tinsab 125 mil bogħod mill-baħar. Jingħad li, bejn wieħed u ieħor, ix-xatt jitwal mal-mil kull 30 sena.

L-ewwel taqsima tax-xmara hija għal kollox barra minn art is-semin; iżda t-tnejn l-oħra, u l-aktar it-tielet, miż-żmenijiet l-aktar qodma kienu mgħammra mis-Semin.

Fit-tieni taqsima jinxeħtu fl-Ewfrati tliet xmajjar. L-ewwel waħda hija *Saġur* bejn Samsat u Karkemix (3). It-tieni hija *Balissus* (il-lum Baliħ): li għandha fuq ix-xatt tagħha l-imsemmija belt ta' *Ħarran* (4). It-tielet xmara hija *Ħabur*.

Minn Hit sal-baħar, l-Ewfrati hija mimlija bil-bliet u bliet li għandhom isem kbir fil-ġrajja qadima. Dawn huma Sippar, Agade, Babel, Borsippa, Nippur, Erech, Sarsa, Ur, Eridu,li l-quddiem għad naraw il-kobor ta' xi wħud minnhom.

Din ix-xmara hija dlonk imsemmija fil-Kotba Mqaddsa. Hija tiġi msejħa "Ix-xmara l-kbira" (5) u mat-30 darba, hija msejħa "ix-xmara", bħal li kieku hija biss jistħoqqilha dan l-isem.

(3) Karkemix (il-lum *Ġerablus Qala),* hija msemmija għat-taqbida ta' Nabukkodonosor, sultan Babiloniż, ma' Nekao, farawni ta' l-Eġittu, fis-sena 605 qabel Kristu.

(4) Ħarran hija belt fejn kienu jieqfu dawk li mill-Babilonja kienu jixħtuha għan-naħa ta' fuq lejn is-Sirja. Minn hemm għaddew is-Semin mita mill-Babilonja telgħu lejn is-Sirja u xterdu fil-Palestina etċ...; kif il quddiem naraw. Min hemm għadda wkoll Abram (Ara Ġen. 11-31, 12-5 eċċ.) Hawnhekk Marcus Licinius Crassus ġie mirbuħ mill-Parti fis-sena 53 qabel Kristu

(5) Ġen. 15-18, Deut. 11-8.


BAHAR CASPIU
Xmara Aras
ASSIRIA
Ninua
Haran
Assur
Xmara Tigri
MESOPOTAMJA
Xmara Eufrate
Babilon
Nippur
ELAM
Ellasar
Ur Kasdime
CALDEA
Palmira
SIRIA
Damascu
KANGĦAN
Cipru
BAĦAR GEŬŬIENI
XGĦARI TAL ARABJA
EGITTU

It-Tigri, li mill-Għarab hija msejħa *Xatt*, u n-naħa t'isfel, *Diġleh* (6), bħal seħbitha l-Ewfrati, tibda mit-Taurus, muntanji ta' l-Armenja, u tinxeħet fil-Golf Persiku. Billi dawn iż-żewġ xmajjar għandhom bidu wieħed, u wara mixja ta' 250 mil, it-Tigri, in-naħa ta' Samarra terġa' toqrob ħafna lejn l-Ewfrati, l-art ta' bejn dawn iż-żewġ xmajjar ġiet imsejħa Mesopotamja (7), u aħjar, mill-Għarab, El-Ġeżireh (il-Gżira). Xi mitt mil iżjed l-isfel minn Samarra sewwa sew in-naħa ta' Bagdad, l-Ewfrati u t-Tigri huma bogħod minn xulxin 35 mil biss, iżda ftit iżjed l-isfel jerġgħu jitbiegħdu minn xulxin fuq il-100 mil, sakemm jerġgħu jiltaqgħu ħdejn Bassora wara 300 mil, u jsiru xmara waħda taħt l-isem ta' *Xatt el-Għarab*, li wara 90 kilometru, tinxeħet fil-Golf Persiku (8). Minn Bagdad l-isfel l-art hija msejħa *Għiraq Għarabi*, li hija Babilonja.

It-Tigri, għad li hija iżgħar minn l-Ewfrati, għandha fuqha bliet ta' isem, li għal xejn ma huwa iżgħar minn isem il-bliet, li jinsabu fuq l-Ewfrati Dawn huma Ninive (9), Axxur (Ellazar), il-lum Qalat Xergât, Samarra u Bagdad.

It-Tigri u l-Ewfrati, fiż-żmenijiet li minnhom sejrin nitħadtu, ma kenux jingħaqdu fi xmara waħda, iżda t-tnejn, kull waħda għal rasha, kienu jinxeħtu fil-Golf Persiku il fuq minn Bassara. Bassara u l-bliet l-oħra ġew mibnija wara mita ix-xatt kiber, kif għedna iżjed il fuq (10).

Dawn huma ż-żewġ xmajjar li sejrin juruna t-taqsim ta' art is-semin, u għalhekk tan-nisel semi u l-ilsien tagħhom.

In-naħa tal-Lvant tat-Tigri tinsab l-*Assirja* mdawra minn l-Armenja, il-Medja u l-Elam, li ma humiex artijiet semin.

Bejn it-Tigri u l-Ewfrati, in-naħa t'isfel, hemm *Babilonja*; u fil-Punent ta' l-Ewfrati il-*Kaldea*, u iżjed lejn il-Punent il-*Għarabja*.

(6) Diġleh hija kelma waħda ma' Tigri: D=T; Ġ=G; L=R; ħafna minn l-ismijiet tal-Għarab jisfaw b'*eh*.

(7) Mesopotamja hija kelma griega li tfisser "bejn ix-xmajjar. Il-Lhud kienu jsejħulha Aram-Naharim=Aram tax-xmajjar. Fuq l-isem Aram nitħadtu 'l quddiem.

(8) *Xatt el-Għarab* hija wiesgħa 1,000 jarda, u jimxu fuqha vapuri kbar sa Bassora (Basra).

(9) Il-lum Mussul, għad li l-fdal ta' Ninive huma fuq ix-xatt l-ieħor taxxmara biswit Mussul.

(10) Ara J. L. Myres, "*The Dawn of History*" *London, 1920, pp. 84 ss.*

Iżjed il fuq mill-Babilonja bejn l-Ewfrati u t-Tigri, insibu art l-Aramej (semin) li barra minn l-*Aram-Naharim* (Mesopotamja), għammru wkoll fis-Sirja (11), li ġiet maqsuma f'ħafna Aram. Aħna insibu fil-Kotba Mqaddsa *Aram Dammeseq* (12), *Aram Soba*, *Aram Magħaka*, *Aram Beth Reħob*, *Paddan Aram* (13).

Barra minn dawn huma wkoll artijiet semin il-*Palestina* (14), u 'l hemm mill-Ġordan (*Transġordanja*) fejn insibu, *Moab*, *Ammon*, *Amalek* u warajhom lin-*Nabatei*, li huma kienu jgħammru fil-bidu tal-Għarabja.

Dawn huma artijiet semin. Iżda s-semin taħt l-isem ta' Hyksos daħlu wkoll l-Eġittu (15), u l-Feniċi, wara li draw il-baħar xterdu mal-Mediterrau, waqqfu s-saltna ta' Kartaġni (Tunes), u kellhom f'idejhom Ċiliċja, Ċipru, Tenedos, Rodi, Citera, Crana, Malta, barra mill-Colonji li kellhom fi Spanja u fi Sqallija (16). Iżjed u iżjed mill-Feniċji kienu xterdu s-Saraċini wara d-Din ta' Moħammed, li barra minn artijiet is-semin ħakmu wkoll fuq l-Eġittu, l-Afrika ta' Fuq kollha, Spanja, Sqallija, Malta u kienu deħlin ġmielhom ukoll fi Franza. Min-naħa tal-Lvant huma kienu ħadu l-Persja u waslu sa l-Indja. Biż-żmien ukoll ħadu l-Asja iż-żgħira u kullħadd jaf, kif ingħaqdu mat-Torok li ma humiex semin, u waqqfu s-saltna ta' Kostantinopli.

Iżda dawn l-artijiet ma jistgħux jiġu msejħa semin għad li aħna semmejnihom, sabiex infiehmu aħjar il-qawwa ta' dawn in-nies, u x'kellhom ħila jagħmlu. Għal issa inżommu quddiem għajnejna dawk l-artijiet li huma semin, jiġifieri, li minn l-eqdem żmenijiet kienu mgħammra missemin. Iżda liema hija sewwa l-ewwel art semija, li minnha xterdu s-semin, u mita xterdu fl-artijiet l-oħra?

Ruma, 16 t'April 1927.

*(Jissokta)* **P. Serafin M. Zarb O. P.**

(11) Is-Sirja, fil-versjoni tas-Settanta (L-ewwel versjoni griega tal-Kotba Mqaddsa), qiegħda għall *Aram*.

(12) Il-biċċa tas-Sirja in-naħa ta' Damasku, li kienet saltna għaliha. Ara 2 Reg. 8-5s., I. Par. 18-5s.

(13) Paddan-Aram hija ħaġa waħda ma' Aram-Naharim.

(14) L-isem tal-Palestina, huwa ġej minn Filistej, nies li għad ma nafux sew xinhuma u mnejn ġew fil-Palestina. Il-Filistej ma humiex semin. Qabel il-Palestina kienet imsejħa Qanagħan.

(15) Ara "Il-Malti" 1926, pp. 122-123.

(16) Ara C. Autran. "*Phéniciens.*" *Le Caire 1920.*—Xi wħud igħidu li l-Feniċi waslu wkoll l-Ingilterra, mhux biss, imma wkoll fl-Amerika t'isfel !?